MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-17 ta' April, 2024

Appell Inferjuri Numru 90/2022 LM

**Moises Hernandez Coronado (K.I. nru. 221253(A))**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul minn **Identity Malta Agency** [minn issa 'l quddiem 'l-Aġenzija appellanta'] mid-deċiżjoni tal-24 ta' Ġunju, 2022, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'] fil-konfront tal-appellat **Moises**

**Hernandez Coronado (K.I. 221253(A))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], fejn filwaqt li għamel riferiment għad-disposizzjonijiet tal-Kap. 217 u dawk tal-L.S.217.17, irrevoka d-deċiżjoni tal-Aġenzija appellanta 2 ta' Frar, 2022, u laqa' l-appell tal-appellat.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-appell odjern huma s-segwenti. L-appellat kien qiegħed jirrisjedi hawn Malta, meta l-prinċipal prospettiv tiegħu ppreżenta f'ismu lill-Aġenzija appellanta applikazzjoni ġdida għal permess uniku. Imma l-prinċipal tal-ewwel impjieg tiegħu kien naqas milli jirreġistra l-impjieg miegħu ma' Jobsplus, u għalhekk ma kienx f'pożizzjoni li joħroġ ittra bit-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat. Għalhekk l-applikazzjoni l-ġdida tal-appellat għall-permess uniku ma setgħetx tintlaqa', u saħansitra ġie kkunsidrat ukoll mill-Aġenzija appellanta li huwa ma kienx qiegħed jirrisjedi hawn Malta jew f'xi Stat Membru ieħor b'mod legali, ġaladarba kien skadielu l-permess oriġinali. Din id-deċiżjoni tal-Aġenzija appellanta ngħatat fit-2 ta' Frar, 2022, u ġiet ikkomunikata lill-appellat l-għada.

**Mertu**

3. L-appellat appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bord fis-7 ta' Frar, 2022 fejn talab sabiex id-deċiżjoni tal-Aġenzija appellanta titħassar.

4. Id-Direttur għaċ-Ċittadinanza u Affarijiet Espatrijati wieġeb fis-16 ta' Marzu, 2022, fejn talab sabiex id-deċiżjoni tiegħu tiġi kkonfermata għal dawk ir-raġunijiet li spjega fit-tweġiba tiegħu.

## Id-deċiżjoni appellata

5. Il-Bord wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"2. <u>Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board</u>*

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***<u>Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et</u>*** *(decided on 6th February 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Agency filed a reply in which it explained that the appellant's Single Permit had expired on 14th September 2021. It stated that the appellant then applied for a fresh Single Permit on 11th October 2021. There was no evidence that in the intervening period he had a valid permit or some other form of authorisation to stay in Malta.*

*The appellant argued,* inter alia, *that his previous employer committed various illegalities in his regard. He claimed that the previous employer (Interface Agency Limited) failed to pay him his due wages, failed to register him with Jobsplus and failed to pay his social security contributions. He stated that when he tried to have his position regularised, he ran into all sorts of difficulties due to the illegalities committed. He further stated that he was being assisted by the Department of Industrial and Employment Relations in relation to unpaid wages amounting to €5,088.41.*

*The appellant provided due evidence that he had been communicating with Jobsplus personnel regarding his previous employer's refusal to submit the relative engagement and termination forms.*

*The appellant also provided a Statement of Account issued by the Department for Industrial and Employment Relations regarding Investigation Reference 12161. This*

*gives the appellant's allegations some legitimacy as they are being investigated by a competent authority.*

*The Board observes that had these allegations been unfounded, they would have been dismissed by the Department by now. As a result of this, the Board can well believe the appellant in relation to the difficulties into which he claimed to run.*

*Consequently, the appellant cannot be considered illegally present."*

## L-Appell

6. L-Aġenzija appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha quddiem din il-Qorti fl-4 ta' Lulju, 2022 fejn qiegħda titlob sabiex jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tagħha tat-2 ta' Frar, 2022, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat. Tgħid li l-aggravju tagħha huwa li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) tas-subregolament 8(1) tal-L.S. 217.17, u tad-data tal-applikazzjoni tal-appellant.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

7. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-Aġenzija appellanta, u dan fid-dawl ta' dak li kkonstata u ddeċieda l-Bord.

8. L-Aġenzija appellanta tispjega li hija ma setgħet qatt tilqa' din l-applikazzjoni fid-dawl ta' dak li jipprovdi s-subartikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/98/UE dwar il-proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku. Tikkontendi li hija m'għandhiex is-setgħa li tirregola l-pożizzjoni irregolari tal-applikant, fejn l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni kien iddeċieda li ma jirregolarizzax il-pożizzjoni tiegħu. Tgħid li hija kienet spjegat dan kollu lill-Bord

permezz tar-risposta tagħha, fejn sostniet li l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni seta' jikkonferma dan. Iżda l-Bord kien għażel li ma jżommx smigħ orali, u għalhekk ma tahiex l-opportunità sabiex tressaq ix-xhieda opportuna li bil-permess tal-Qorti tista' tressaq fil-proċeduri odjerni. L-Aġenzija appellanta tikkontendi li għalhekk hija kienet korretta meta m'aċċettatx l-applikazzjoni tal-appellat. Tgħid li madankollu l-Bord jista' jkun li tħassar lill-imsemmi appellat, għaliex huwa kien qiegħed jallega li l-applikazzjoni tiegħu kienet ġiet sottomessa tard minħabba n-negliġenza min-naħa tal-ewwel prinċipal tiegħu. L-Aġenzija appellata ssostni li ma kienx il-kompitu tal-Bord li 'jsalva' applikazzjonijiet, iżda huwa kien marbut li japplika l-liġi bl-istess mod u manjiera fil-konfront ta' kull applikant.

9. Mill-atti quddiem il-Bord jirriżulta li l-appellat kien ingħata permess ta' residenza hawn Malta sabiex jaħdem mas-soċjetà Interface Agency Limited, li skada fl-14 ta' Settembru, 2021.[1] Jirriżulta wkoll mid-deċiżjoni tal-Aġenzija appellanta tat-2 ta' Frar, 2022, li hija kienet laqgħet applikazzjoni mingħand l-appellat għal permess uniku fil-11 ta' Ottubru, 2021, li kienet saret *ai termini* tal-L.S. 217.17, liema applikazzjoni ġiet miċħuda għaliex huwa ma kienx qiegħed jirrisjedi f'Malta b'mod legali, u l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ma kienx irregolarizza l-pożizzjoni tiegħu, sabiex b'hekk huwa kien meqjus bħala immigrant ipprojbit *ai termini* tal-para. (e) tas-subartikolu 5(2) tal-Kap. 217.

10. Il-Bord għaraf li l-appellat kien sab ruħu f'diversi diffikultajiet meta ttenta jikseb evidenza tal-bidu u tat-terminazzjoni tal-impjieg preċedenti tiegħu mas-soċjetà Interface Agency Limited, liema evidenza dokumentarja kienet rikjesta

[1] 'Dok. B' *a fol.* 7.

sabiex issir l-applikazzjoni ġdida għall-permess uniku. Għaraf ukoll li l-appellat kien qiegħed jallega li din is-soċjetà kienet naqset milli tħallsu s-salarju tiegħu, anki milli tħallas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, u milli tirreġistra l-impjieg tiegħu ma' Jobsplus. Dwar dan il-Bord osserva li kienet qiegħda ssir id-debita investigazzjoni min-naħa tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg, kif riżultanti mir-rendikont maħruġ minn dak id-Dipartiment u eżebit mill-appellat. B'hekk il-Bord stqarr li seta' jifhem kif l-appellat kien sab diffikultà meta ttenta jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu, u għalhekk iddeċieda li ma kellux jitqies li kien qiegħed jirrisjedi f'Malta b'mod illegali.

11. Il-Qorti tgħid li huwa tassew minnu li meta skada l-ewwel permess uniku fl-14 ta' Settembru, 2021 'il quddiem, l-appellat ma setax jiġi aktar ikkunsidrat bħala residenti b'mod leġittimu hawn Malta. Iżda l-Qorti tagħraf ukoll li l-appellat, kif sewwa kkunsidra l-Bord, sab diversi diffikultajiet sabiex jikseb id-dokumentazzjoni kollha, partikolarment l-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg preċedenti tiegħu mas-soċjetà Interface Agency Limited neċessarja għall-preżentata tal-applikazzjoni li kellha ssir mill-prinċipal prospettiv tiegħu. Hija ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-ispjegazzjoni li ta l-konsulent legali tal-appellat lill-Bord permezz tal-appell intavolat fl-4 ta' Frar, 2022[2] dwar iċ-ċirkostanzi tiegħu, fejn dan saħansitra ma kienx qiegħed jitħallas tax-xogħol tiegħu mill-ewwel prinċipal li kellu, li kien anki naqas milli jirreġistra l-impjieg tiegħu ma' Jobsplus. Hija ħadet ukoll in konsiderazzjoni r-rendikont maħruġ mid-Dipartiment[3], u anki l-komunikazzjoni ma' Jobsplus[4], in sostenn tal-allegati

[2] *A fol.* 11.
[3] *A fol.* 2 u 3.
[4] *A fol.* 4 u 5.

diffikultajiet li sab ruħu fihom l-appellat riżultat tal-imsemmija nuqqasijiet, saħansitra illegalitajiet imwettqa min-naħa tal-ewwel prinċipal tiegħu.

12. Għalhekk, il-Qorti tagħraf li ma jistax jingħad li d-dewmien ta' kważi xahar mid-data tal-iskadenza tal-permess uniku preċedenti sad-data tal-preżentata tal-applikazzjoni l-ġdida tiegħu, kien riżultat ta' xi negliġenza, azzjoni jew inazzjoni min-naħa tiegħu.

13. Il-Qorti filwaqt li tagħmel riferiment għall-para. (5) tal-preambolu tad-Direttiva 2011/98/UE, li jirrikjedi li l-Istat Membru għandu jiggarantixxi proċedura trasparenti u ġusta lill-applikant, tgħid li l-liġi ma tistax tiġi applikata bil-mod inġust kif qiegħda tippretendi l-Aġenzija appellanta, u anki jekk tieħu in konsiderazzjoni li din saħansitra diġà tagħti żmien għaxart ijiem wara l-iskadenza ta' permess sabiex il-persuna tirregola ruħha.[5] Iżda fil-każ odjern il-Qorti ma tistax ma tqisx l-aġir saħansitra illegali tal-ewwel prinċipal li l-appellat kien qiegħed jittenta jikseb ġustizzja fil-konfront tiegħu hekk kif kien qiegħed hawn Malta, iżda wkoll il-fatt li n-nuqqas tal-preżenza tiegħu f'dawn il-gżejjer kienet ser tagħmilha iktar diffiċli jekk mhux impossibbli għalih sabiex jottjeni rimedju.

14. Għalhekk il-Qorti tgħid li l-liġi ma tistax tiġi applikata bil-mod inġust kif qiegħda tippretendi l-Aġenzija appellata, fejn saħansitra l-pożizzjoni llegali tal-applikant tkun riżultat tan-nuqqasijiet tal-prinċipal tiegħu stess, li ma tahx id-debita opportunità sabiex jassigura li huwa ma jasalx f'din il-pożizzjoni estrema,

[5] Ara risposta tal-Aġenzija appellanta quddiem il-Bord.

b'konsegwenzi li jxekklu l-libertà tal-moviment u tax-xogħol tiegħu, iżda wkoll b'impatt konsiderevoli fuq il-finanzi tiegħu.

15. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx l-aggravju tal-Aġenzija appellanta ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiċħad l-appell tal-Aġenzija appellanta, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata.**

**L-ispejjeż tal-appell odjern u dawk tal-proċeduri quddiem il-Bord għandhom ikunu a karigu tal-Aġenzija appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**